A.L. 322 ta' l-2001

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP.123)

Regoli ta' l-2001 dwar Tnaqqis fit-Taxxa fuq l-Income

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li gejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli ta' l-2001 dwar Tnaqqis fit-Taxxa fuq l-*Income*.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2001.

Tifsiriet

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'oħra -

"benefiċċju" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt ir-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga;

"emolumenti" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt ir-Regoli tal-FSS;

"Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga" tfisser ir-Regoli ta' l-2001 dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga, jew kull regoli oħra magħmula minflokhom taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; A.L. 125 ta' l-2001.

"Regoli ta' l-FSS" tfisser ir-Regoli ta' l-1998 dwar *Final Settlement System* (FSS), jew kull regoli oħra magħmula minflokhom taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. A.L. 88 ta' l-1998.

Tnaqqis dwar vetturi.

3. (1) Meta xi vettura li għaliha tapplika din ir-regola tkun akkwistata b'nefqa ta' iżjed minn Lm 3,000 f'sena li taħbat minnufih qabel xi sena ta' stima u dik il-vettura tigi użata u mħaddma fil-produzzjoni ta' l-*income*, kull tnaqqis dwar tqagħbir u kull tnaqqis inizjali li jirreferu għall-vettura skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (f) u (j) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att u kull *allowance* dovuta jew ħlas li jkun sar dwar il-vettura taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24 ta' l-imsemmi Att għandhom jinħadmu daqslikieku n-nefqa ta' l-akkwist kienet Lm 3,000.

(2) Meta xi vettura li għaliha tapplika din ir-regola tinkera lil xi persuna f'sena li taħbat minnufih qabel xi sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 2002 jew wara u dik il-vettura tigi użata u mħaddma fil-produzzjoni ta' l-*income* ta' dik il-persuna, u meta l-prezz elenkat ta' dik il-vettura jkun iżjed minn Lm 3,000, kull tnaqqis li jista' jsir minn dik il-persuna skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att dwar ħlas li jsir minn dik il-persuna għall-kiri ta' dik il-vettura ma jistax ikun iżjed mis-somma miksuba billi jigu multiplikati l-ammonti li jitħallsu għall-kiri bi Lm 3,000 u r-riżultat jigi diviż bil-prezz elenkat ta' dik il-vettura:

Iżda:

meta l-vettura tintuża skond arrangament li bih it-tqagħbir ordinarju tagħha jkun fuq il-kerrej ma jistax isir tnaqqis dwar il-ħlas għall-kiri;

id-disposizzjonijiet ta' din is-subregola (2) ma jkunux japplikaw meta l-vettura tintuża minn dik il-persuna, jew minn persuna oħra f'isimha, okkażjonalment għal perijodu ta' inqas minn sebat ijiem matul is-sena inkwistjoni ħlief meta dik il-vettura tkun qed tintuża minflok vettura oħra li tkun mikrija lilha;

meta vettura mikrija tkun temporanjament mibdula b'vettura oħra għal inqas minn 30 jum konsekuttiv mingħajr ma jkun sar ebda tibdil fl-ammont li jitħallas għall-kiri, din is-subregola tapplika matul iż-żmien li fih il-vettura tkun hekk mibdula bħallikieku r-referenza għall-prezz elenkat tal-vettura kien referenza għall-prezz elenkat ta' l-ewwel vettura, iżda meta l-ammont li jitħallas għall-kiri jinbidel minħabba dak it-tibdil fil-vettura jew inkella meta l-vettura tkun mibdula għal żmien ta' 30 jum jew aktar, din is-subregola tkun tapplika matul dak iż-żmien b'referenza għall-prezz elenkat tat-tieni vettura.

Għall-finijiet tas-subregola (2) ta' hawn qabel -

(a) il-prezz elenkat ta' vettura huwa l-prezz ta' vettura ta' l-istess għamla u mudell jew ta' għamla u mudell li jaqbel mieghu li jidher f'lista ta' prezzijiet magħmula jew approvata mill-Kummissarju għall-finijiet tar-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga miżjud bl-ispejjeż ta' aċċessjorji opzjonali li jistgħu jkunu miżjuda fil-vettura;

(b) vettura titqies li tkun mikrija lil xi persuna jekk tintuża minnha jew f'isimha taħt arrangament li bih isir jew ikun dovut ħlas lil persuna oħra bħala korrispettiv għal dak l-użu;

(ċ) "ammonti li jitħallsu għall-kiri" tfisser it-total ta' ħlas li jsir jew li jkun dovut minn persuna matul is-sena inkwistjoni bħala korrispettiv għall-użu ta' vettura kif ukoll spejjeż oħra li jistgħu isiru jew ikunu mħallsa lura minnu matul dik is-sena u li jkollhom x'jaqsmu ma' l-imsemmi użu, inkluża l-assigurazzjoni, liċenzi, tiswijiet u servicing, iżda mhollija barra karburanti u t-tqegħid ta' vettura f'*garage*.

(4) Dir-regola tapplika għal kull vettura li titmexxa mekkanikament mibnija jew li tintuża bħala mezz ta' trasport għal individwi, iżda ma tapplikax għal vetturi ta' xorta li soltu ma jintużawx bħala vetturi privati u li mhumiex adatti li jintużaw hekk, jew vetturi użati mill-persuna li titlob tnaqqis skond kif imsemmi f'din ir-regola għalkollox jew prinċipalment għall-kiri lil membri tal-pubbliku jew għat-trasport tagħhom fil-kors ordinarju ta' sengħa jew negozju: iżda għal kull sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 2002 jew wara, din ir-regola m'għandhiex, iktar minn hekk, tkun tapplika għal vettura użata mill-persuna li tkun qed titlob tnaqqis kif imsemmi skond din ir-regola għalkollox jew prinċipalment għal taħrig fis-sewqan fil-kors ordinarju ta' sengħa jew negozju.

Tnaqqis dwar emolumenti.

4. (1) Meta persuna tħallas emolumenti f'sena li taħbat minnufih qabel xi sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 2002 jew wara, u dak il-ħlas ikun jikkonsisti fi flejjes li jkunu ntefqu u spejjeż li jkunu saru għalkollox u esklużivament fil-produzzjoni ta' l-*income* ta' dik il-persuna, it-tnaqqis li jkun jista' jsir dwarhom għal dik is-sena ta' stima skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att ma jistax ikun aktar mill-ammont ta' l-imsemmija flejjes u spejjeż li jkollhom x'jaqsmu ma' emolumenti li jkun sar rendikont dwarhom kif imiss.

(2) Mingħajr pregudizzju għas-subregola (1) ta' hawn qabel, tnaqqis taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att li għandu x'jaqsam ma' l-għoti ta' benefiċċju li jaqa' taħt Taqsima C (Benefiċċji tal-Kategorija 2 - Użu ta' Propjetà) tar-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga ma jistax jeċċedi l-ibaxx minn:

(a) il-flejjes li jkunu ntefqu u l-ispejjeż li jkunu saru, stabbiliti skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' Taqsima IV ta' l-Att, fejn dak l-infiq u dawk l-ispejjeż ikunu saru għall-għoti ta' dak il-benefiċċju; u

(b) il-valur ta' dak il-benefiċċju kif stabbilit skond l-imsemmija regoli mingħajr, madankollu, ebda tnaqqis fil-valur kif kontemplat fis-subregola 24(5) ta' l-imsemmija regoli għar-rigward ta' kera imħallas mill-benefiċjarju:

iżda meta l-kera jew korrispettiv ieħor jitħallas mill-benefiċjarju, dan għandu jitqies bħala *income* li jkun jinsab għand min jipprovdi l-benefiċċju.

(3) Id-dispożizzjonijiet li gejjin ta' din is-subregola jkunu japplikaw, mingħajr pregudizzju għas-subregola (1) ta' hawn qabel, sabiex jigi stabbilit it-tnaqqis, jekk ikun hemm, li jista' jsir minn persuna skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att għar-rigward ta' l-għoti ta' benefiċċju li jkun jikkonsisti fi trasferiment ta' attiv li għalih tapplika Taqsima D (Benefiċċji tal-Kategorija 3 - Benefiċċji Oħra) tar-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga:

(a) meta l-attiv ikun wieħed li dwaru jkun gie permess xi tnaqqis lil dik il-persuna taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14(1)(f) u (j) ta' l-Att, l-ebda tnaqqis ma jkun permess dwar l-għoti ta' dak il-benefiċċju: iżda fid-dikjarazzjoni ta' bilanċ li għandha ssir għall-finijiet ta' l-artikolu 24 ta' l-Att -

(i) meta l-imsemmi attiv jkun gie trasferit mingħajr ebda korrispettiv dan għandu jitqies daqslikieku jkun tneħħa mill-użu b'xejn; u

(ii) meta l-imsemmi attiv jkun gie trasferit għal xi korrispettiv dan għandu jitqies daqslikieku jkun gie mibjugħ għal dak il-korrispettiv,

u jkun permess li jsir balancing allowance jew inkella jsir balancing charge skond ħekk;

(b) meta l-attiv ikun wieħed li dwaru ma jkun gie permess lil dik il-persuna ebda tnaqqis taħt xi disposizzjoni ta' l-artikolu 14(1)(f) u (j) ta' l-Att, it-tnaqqis dwar l-għoti tal-benefiċċju m'għandux ikun jeċċedi n-nefqa li bih il-persuna li tagħti dak il-benefiċċju tkun akkwistat dak l-attiv, inkluzi l-ispejjeż minfuqa mill-prinċipal biex jittrasferixxi dak l-attiv: iżda kull korrispettiv imħallas mill-benefiċjarju għandu jitqies bħala income li jkun jinsab għand il-prinċipal;

(ċ) meta t-trasferiment ikun wieħed li jaqa' taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att, ma jkun permess ebda tnaqqis taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-Att dwar l-għoti tal-benefiċċju: iżda l-qligħ jew il-profitti miksubin minn dak it-trasferiment għandhom ikunu stabbiliti skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 5 mingħajr ebda referenza għall-valur tal-benefiċċju.

(4) Għall-finijiet ta' din ir-regola m'għandux jitqies li jkun sar rendikont kif imiss dwar l-emolumenti ħlief daqstant li l-valur ta' dawk l-emolumenti jkun gie indikat b'mod korrett fid-Dikjarazzjoni tal-Qligħ tal-*Payee* u fir-Rikonċiljazzjoni ta' kull Sena Dwar Ħlasijiet mill-Pagatur, li jsiru skond ir-Regoli ta' l-FSS għar-rigward tas-sena rilevanti u li jigu moghtija lill-Kummissarju mhux iktar tard minn tnax-il xahar wara ż-żmien rilevanti li jkun preskritt taħt l-imsemmija Regoli.

Talbiet għal tnaqqis minn benefiċċjarji.

5. Ħlief kif xort'oħra provdut fir-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga, il-valur ta' benefiċċju stabbilit skond dawk ir-regoli għandu jitqies li jkun nett minn kull spejjeż li jkunu ntefqu u infieq li jkun sar mill-benefiċjarju f'dak li jkollu x'jaqsamu ma' dak il-benefiċċju, u ebda tnaqqis ieħor ma jkun permess lil dik il-persuna taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att li jkollu x'jaqsam ma' dak il-benefiċċju.

Tħassir ta' l-A.L. 11 ta' 1977.

6. Ir-Regoli ta' l-1977 dwar Tnaqqis (Emolumenti), huma b'dawn imħassra.